

Brussell, 10 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9727/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0160 (NLE)

TRANS 217

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-17-ilsessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fir-rigward tar-reviżjoni tal-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi applikabbli għas-subsistema "vetturi ferrovjarji – lokomottivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri", għall-aċċessibbiltà tas-sistema ferrovjarja għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa, għall-immarkar tal-vetturi, għas-subsistema "infrastruttura" u għas-subsistema "Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-merkanzija", u fir-rigward tal-aġġornament tal-Manwal għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regoli Uniformi tal-APTU u l-ATMF - Adozzjoni

1. Il-Kumitat ta' Esperti Tekniċi (CTE) tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) għandu kompetenza fi kwistjonijiet ta' interoperabbiltà, armonizzazzjoni teknika u proċeduri ta' approvazzjoni. Jista' jadotta jew jemenda Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi (UTPs) li huma bbażati fuq l-Appendiċijiet F u G tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF). Il-UTPs fil-qafas tal-COTIF għandhom l-istess fini bħall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-UE għall-interoperabbiltà abbażi tal-Kapitolu II tad-Direttiva (UE) 2016/797.

2. Is-17-il sessjoni tas-CTE ser issir f'Bern fis-17 u t-18 ta' Ġunju 2025. Fost suġġetti oħra li għandhom jiġu diskussi, is-CTE ser jintalab jirrevedi l-UTPs applikabbli għal:
- is-subsistema "vetturi ferrovjarji – lokomottivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri" (UTP LOC&PAS),
 - l-aċċessibbiltà tas-sistema ferrovjarja għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa (UTP PRM),
 - l-immarkar tal-vettura (Immarkar UTP),
 - is-subsistema "infrastruttura" (UTP INF) u
 - is-subsistema "Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-merkanzija" (UTP TAF).
- Bl-istess mod, is-CTE ser jintalab jaġġorna l-Manwal għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regoli Uniformi tal-APTU¹ u l-ATMF².
3. Fit-23 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill dokument informali li jiddeskrivi l-kontenut tal-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-17-il sessjoni tas-CTE fir-rigward tal-punti li jinvolvu effett legali. Id-dokument informali ġie eżaminat fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art fis-27 ta' Mejju 2025. Id-delegazzjonijiet ma qajmu l-ebda kumment dwar il-pożizzjoni proposta.
4. Fl-4 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tirrifletti fis-sustanza l-kontenut tad-dokument informali. Il-proposta ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art tal-10 ta' Ġunju 2025. Ma tqajmu l-ebda kummenti u għalhekk id-deliberazzjonijiet fil-livell tal-grupp ta' ħidma tqiesu magħluqa.

¹ Ir-Regoli Uniformi li jirrigwardaw il-Validazzjoni ta' Standards Tekniċi u l-Adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi applikabbli għall-Materjal tal-Ferroviji bl-intenzjoni li jintużaw mit-Traffiku Internazzjonali (Appendiċi F għall-Konvenzjoni).

² Ir-Regoli Uniformi li jirrigwardaw l-Ammissjoni Teknika ta' Materjal tal-Ferroviji użat fit-Traffiku Internazzjonali (Appendiċi G għall-Konvenzjoni).

5. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 9462/25, rivedut mill-ġuristi lingwisti, u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni.
 6. Ladarba d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi adottata, il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat biha.
-